**A.L. -- tal-2025**

## ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT

## (KAP. 549)

## Regolamenti tal-2025 dwar ir-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur (Irkaptu tas-Sajd li Fih il-Plastik)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-Ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:

**Titolu.**

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 dwar ir-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur (Irkaptu tas-Sajd li Fih il-Plastik).

**Skop.**

2. (1) Dawn ir-regolamenti jdaħħlu fis-seħħ l-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent fir-rigward tal-irkaptu tas-sajd li jikkontjeni l-plastik.

(2) L-Awtorità tista' toħroġ linji gwida dwar l-implimentazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti.

**Interpretazzjoni.**

3. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

**Kap. 549.**

"Att" tfisser l-Att dwar il-Protezzjoni ta' l-Ambjent;

"Awtorità" jew "awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi kif stabbilita bl-artikolu 6 tal-Att;

**L.S. 549.63.**

"ġbir" għandu jkollha l-istess tifsira kif assenjata lilha fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Iskart;

**L.S. 549.149.**

"irkaptu tas-sajd" tfisser kwalunkwe oġġett jew biċċa tagħmir li jintuża fis-sajd jew fl-akkwakultura biex jimmira lejn, jaqbad jew irabbi riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jew li jkun f'wiċċ il-baħar, u li jintuża bil-għan li jattira u jaqbad jew irabbi tali riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;

**L.S. 549.141.**

"organizzazzjoni ta' responsabbiltà ta’ produttur" jew "PRO" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar il-Qafas ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur;

"produttur" tfisser:

**L.S.378.17.**

(a) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita f'Malta li timmanifattura, tbigħ jew timporta professjonalment, irrispettivament mill-metodu ta’ bejgħ użat, inkluż permezz ta' kuntratti mill-bogħod kif imfisser fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-

Konsumatur, u tqiegħed fis-suq ta' Malta irkaptu tas-sajd li fih il-plastik, minbarra persuni li jwettqu attivitajiet tas-sajd kif definiti fil-punt (28) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal- Kunsill; jew

**L.S. 378.17.**

(b) kull persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fi Stat Membru wieħed jew f'pajjiż terz li professjonalment tbigħ f'Malta direttament lid-djar privati, jew lil utenti oħra li mhumiex djar privati, permezz ta' kuntratti mill-bogħod kif imfissra fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, irkaptu tas-sajd li fih il-plastik, għajr persuni li jwettqu attivitajiet tas-sajd kif definiti fil-punt (28) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

Iżda s-sajjieda nfushom, iżda esklużi dawk is-sajjieda li jimportaw direttament irkaptu tas-sajd li jkun fih il-plastik, u dawk li jfasslu l-irkaptu tas-sajd artiġjanali li fih il-plastik m'għandhomx jitqiesu bħala produtturi.

**L.S. 549.63.**

"skart" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Iskart;

**L.S. 549.63.**

"trattament" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Iskart;

**L.S. 549.149.**

Id-definizzjonijiet ta' "tqegħid fis-suq", "plastik" u "irkaptu tas-sajd skartat", għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħtija fir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar Qafas Għall-Prodotti tal-Plastik li Jintuża Darba Biss.

**Responsabbiltà estiża tal-produttur.**
**L.S. 549.141.**

4. (1) Il-produtturi li jqiegħdu fis-suq irkaptu tas-sajd li jkun fih il-plastik għandu jkollhom responsabbiltà estiża tal-produttur skont ir-Regolamenti ta' Qafas ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur.

(2) Produtturi stabbiliti fi Stat Membru ieħor u li jqiegħdu fis-suq irkaptu tas-sajd li jkun fih il-plastik għandhom jaħtru persuna ġuridika jew fiżika stabbilita f'Malta bħala rappreżentant awtorizzat sabiex jiġu sodisfatti l-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti f'dawn ir-regolamenti fit-territorju ta' Malta:

Iżda dik il-ħatra għandha ssir b'mandat bil-miktub permezz ta' dikjarazzjoni kif stabbilit fl-Iskeda 1.

(3) Produttur stabbiliti f'Malta li jbigħ rkaptu tas-sajd li fih il-plastik fi Stat Membru ieħor li fih dawk il-produttur ma jkunx stabbilit, għandu jaħtar rappreżentant awtorizzat f'dak l-Istat Membru l-ieħor. Ir-rappreżentant awtorizzat għandu jkun il-persuna responsabbli biex jiġu sodisfatti l-obbligi ta' dak il-produttur skont dawn ir-regolamenti fit-territorju ta' dak l-Istat Membru l-ieħor.

**L.S. 549.149.**
**L.S. 549.141.**
**L.S. 499.71.**

(4) Il-produtturi tal-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik għandhom ikopru mill-inqas l-ispejjeż li ġejjin:

(a) l-ispejjeż ta' miżuri ta' sensibilizzazzjoni stabbiliti fir-regolament 12 tar-Regolamenti dwar Qafas Għall-Prodotti tal-Plastik li Jintuża Darba Biss;

(b) l-ispejjeż tal-ġbir separat tal-iskart kollu ta' rkaptu tas-sajd li fih il-plastik li jkun twassal fil-faċilitajiet adegwati tal-akkoljenza fil-portijiet skont ir-Regolamenti dwar il-Faċilitajiet ta' Akkoljenza fil-Port għall-Konsenja ta' Skart minn Bastimenti, jew f'sistemi ta' ġbir ekwivalenti oħra li jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk ir-regolamenti, u l-ispejjeż tat-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu; u

(ċ) l-ispejjeż tal-ġbir u r-rappurtar ta' data, skont il-partita (iii) tal-paragrafu (a) tas-subregolament (3) tar-regolament 6 tar-Regolamenti ta' Qafas ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur.

Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-regolament jissupplimentaw ir-rekwiżiti applikabbli għall-iskart minn bastimenti tas-sajd fil-leġiżlazzjoni Maltija u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet.

(5) Sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti b'mod kosteffiċjenti, il-produtturi u r-rappreżentanti awtorizzati għandhom jissodisfaw l-obbligi ta' responsabbiltà tal-produttur estiż tagħhom kollettivament u, għal dak il-għan, għandhom jistabbilixxu organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur li għandha tkun awtorizzata skont ir-regolament 8, li tkopri rkaptu tas-sajd li jkun fih plastik fit-territorju kollu ta' Malta. Tali organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produtturi għandha tippermetti lill-produtturi u lir-rappreżentanti awtorizzati kollha li jissodisfaw l-obbligi tagħhom ta' responsabbiltà estiża tal-produttur taħt kundizzjonijiet mhux diskriminatorji.

Iżda sakemm dik l-organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produtturi tkun stabbilita u awtorizzata skont ir-regolament 8, l-Awtorità tista' talloka l-ispejjeż imsemmija fis-subregolament (4) lill-produtturi skont il-ħtiġijiet ta' dan ir-regolament u s-sehem tas-suq tagħhom;

Iżda wkoll li f'każijiet bħal dawn l-Awtorità tista' tikkummissjona studji, a skapitu tal-produtturi, biex tikkwantifika dawn l-ispejjeż jew parti minnhom.

**L.S. 549.149.**
(6) Sabiex tkopri l-ispejjeż stabbiliti fil-paragrafu (a) tas-subregolament (4) f'isem il-produtturi tagħha, organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produtturi għandha torganizza u, jew tiffinanzja kampanji effettivi ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni biex tinċentiva mġieba responsabbli tal-konsumatur u tinforma lill-konsumaturi skont ir-regolament 12 tar-Regolamenti dwar Qafas Għall-Prodotti tal-Plastik li Jintuża Darba Biss:

Iżda f'każ li organizzazzjoni awtorizzata tar-responsabbiltà tal-produtturi tiffinanzja kampanji organizzati minn entitajiet oħra, l-ispejjeż li għandhom ikunu koperti minn dik l-organizzazzjoni għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti bejn l-atturi kollha kkonċernati:

Iżda wkoll tali kampanji għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni minn qabel tal-Awtorità.

**L.S. 499.71.**

(7) Sabiex tkopri l-ispejjeż stabbiliti fil-paragrafu (b) tas-subregolament (4) f'isem il-produtturi tagħha, organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur awtorizzata għandha tagħmel l-arranġamenti meħtieġa mal-operaturi ta' faċilità awtorizzata tal-akkoljenza tal-port kif definiti fir-Regolamenti Dwar Faċilitajiet Portwali Fejn Jintlaqa' u jkun Ikkunsinnat l-Iskart Minn Bastimenti, biex:

(a) jiffinanzja reċipjenti xierqa għall-iskart għad-depożitu u l-ġbir ta' skart tal-irkaptu tas-sajd li jkun fih il-plastik fil-faċilitajiet tal-akkoljenza tal-port. Dawn l-ispejjeż għandhom jinkludu l-infrastruttura u l-operat tagħha, u

(b) il-finanzjament tat-trasport u t-trattament tal-iskart tal-irkaptu tas-sajd miġbur.

(8) Organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur awtorizzata għandha tiżgura wkoll li reċipjenti xierqa għall-iskart għad-depożitu u l-ġbir ta' skart ta' rkaptu tas-sajd li jkun fih il-plastik ikunu installati fil-bini tal-produtturi jew f'żoni jew bini oħra magħżula:

Iżda l-produtturi għandhom ikopru l-ispejjeż tal-infrastruttura u l-operat tagħha, u t-trasport u t-trattament sussegwenti tal-iskart tal-irkaptu tas-sajd miġbur.

**L.S.499.71.**

(9) L-ispejjeż imsemmija fis-subregolament (7) u (8) ma għandhomx jaqbżu l-ispejjeż li huma meħtieġa biex jiġu pprovduti dawk is-servizzi b'mod kosteffiċjenti u għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti bejn l-Awtorità l-organizzazzjoni rilevanti ta' responsabbiltà tal-produttur awtorizzata, jew l-operatur ta' faċilità tal-akkoljenza tal-port awtorizzata kif definita fir-Regolamenti Dwar Faċilitajiet Portwali Fejn Jintlaqa' u jkun Ikkunsinnat l-Iskart Minn Bastimenti, u kwalunkwe atturi oħra ikkonċernati.

**Ġbir ta' skart ta' tagħmir tas-sajd.**

5. Organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur awtorizzata għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li sal-31 ta' Diċembru 2027, u fi kwalunkwe sena ta' wara, minimu ta' 5% tal-piż tal-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik mqiegħed fis-suq f'Malta huwa miġbur separatament bħala skart għar-riċiklaġġ permezz tas-sistemi mwaqqfa skont is-subregolamenti (7) u (8) tar-regolament 4:

Iżda jekk jirriżulta li fi kwalunkwe sena, l-organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur awtorizzata tonqos milli tilħaq l-imsemmi mira ta' ġbir minimu applikabbli, għandha tiġi imposta penali amministrattiva kif stabbilit fl-Iskeda 6.

**Reġistru tal-produtturi.**

**6.** (1) L-awtorità kompetenti għandha żżomm u tagħmel disponibbli reġistru li għandu x'jaqsam mal-produtturi li jirreġistraw skont ir-regolament 7 u li jkun fih informazzjoni relatata mar- reġistrazzjoni tal-produtturi kif preskritt fl-Iskeda 4.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li r-reġistru tal-produtturi jkun disponibbli pubblikament mingħajr ħlas u għandu jittella' onlajn fuq is-sit elettroniku tagħha.

(3) Ir-reġistru jista' jinżamm fi kwalunkwe forma iżda għandu jkun indiċjat u rranġat sabiex il-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jintraċċaw malajr l-informazzjoni li jkun hemm fih.

**Reġistrazzjoni u informazzjoni.**

**7.** (1) Produtturi jew rappreżentanti awtorizzati għandhom, matul is-sena kalendarja tat-tqegħid fis-suq ta' rkaptu tas-sajd li jkun fih il-plastik fit-territorju ta' Malta, japplikaw biex ikunu reġistrati mal-awtorità kompetenti u għandhom jingħataw numru ta' reġistrazzjoni mar-reġistrazzjoni.

Il-produtturi għandhom jagħmlu n-numru ta' reġistrazzjoni viżibbli b'mod ċar fuq il-fatturi u l-irċevuti fiskali tagħhom.

(2) Produtturi reġistrati taħt is-subregolament (1) għandhom iġeddu r-reġistrazzjoni tagħhom fuq bażi annwali mal-awtorità kompetenti sal-31 ta' Marzu ta' kull sena:

Iżda mill-1 ta' April ta' kull sena l-awtorità kompetenti għandha taċċetta tiġdid sal-aħħar tas-sena soġġett għall-ħlas ta' dritt addizzjonali ta' għoxrin ewro (€20) kull xahar jew parti minnu, flimkien mad-dritt preskritta fil-paragrafu (ċ) tas-subregolament (3).

(3) Applikazzjoni għal reġistrazzjoni jew tiġdid minn produttur għandha:

(a) issir jew onlajn jew bil-miktub;

(b) tkun iffirmata minn xi wieħed mill-firmatarji awtorizzati msemmija fl-Iskeda 3; u

(c) tkun akkumpanjata minn dritt ta' għaxar euro (€10) għal reġistrazzjoni onlajn jew ħamsa u tletin (€35) għal reġistrazzjoni manwali.

(4) Produttur ma għandux jitqies li jkun reġistrat jew li jkun ġedded ir-reġistrazzjoni tiegħu sakemm jinħareġ avviż ta' rikonoxximent mill-awtorità kompetenti, li tapprova l-applikazzjoni tal-produttur għar-reġistrazzjoni jew it-tiġdid. L-awtorità kompetenti għandha toħroġ l-avviż ta' rikonoxximent fi żmien:

(a) xahar (1) mid-data li fiha tirċievi l-applikazzjoni debitament mimlija għar-reġistrazzjoni jew tiġdid, inkluż il-ħlas ta' xi drittijiet kif stipulat fi 3(ċ); jew

(b) xahar (1) wara d-data li fiha tasal aktar informazzjoni jew dettalji mitluba mill-awtorità kompetentib'konnessjoni ma' din l- applikazzjoni, inkluż il-ħlas ta' kwalunkwe dritt kif stipulat fi 3(c),

liema minnhom tkun l-aħħar.

(5) Meta produttur jieqaf milli jqiegħed irkaptu tas-sajd li jkun fih il-plastik fis-suq, il-produttur għandu japplika għad-dereġistrazzjoni mal-awtorità kompetenti fis-sena ta' wara minn meta jieqaf jagħmel dan. Applikazzjoni għad-dereġistrazzjoni għandha tkun iffirmata minn kwalunkwe wieħed mill-firmatarji awtorizzati msemmija fl-Iskeda 3.

(6) Mingħajr preġudizzju għall-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-persuna li qed tapplika għad-dereġistrazzjoni li għandhom x'jaqsmu maż-żmien meta l-persuna kienet produttur reġistrat, l-awtorità kompetenti għandha ttemm ir-reġistrazzjoni ta' persuna b'effett mill-aħħar jum tas-sena li fiha dik il-persuna waqfet tkun obbligata li tkun irreġistrata, u għandha tinnotifika lil dik il-persuna bil-miktub:

Iżda l-persuna li qed tapplika għad-deregistrazzjoni għandha l-obbligu li tissottometti kwalunkwe informazzjoni pendenti lill-awtorita kompetenti, skont is-subregolament (5).

(7) Kull produttur li jew jonqos milli japplika għar-reġistrazzjoni skont dan ir-regolament jew li jonqos li jġedded ir-reġistrazzjoni tiegħu sal-aħħar tas-sena, għandu jeħel penali amministrattiva kif preskritta fl-Iskeda 5.

(8) Organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur awtorizzata tista' tirreġistra jew iġġedded ir-reġistrazzjoni ta' produttur f'ismu, soġġett għall-kunsens tal-produttur imsemmi. F'dawn il-każijiet, l-organizzazzjoni awtorizzata tar-responsabbiltà tal-produttur għandha tkun responsabbli biex iżżomm mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament, inkluż il-ħlas tal-penali amministrattiva msemmija fis-subregolament (7), u l-Awtorità tista' tikkollabora mal-organizzazzjoni awtorizzata tar-responsabbiltà tal-produttur fir-rigward ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

(9) Applikazzjoni għal reġistrazzjoni skont ir-regolament 6 għandu jkun fiha l-informazzjoni stipulata fit-Taqsima A tal-Iskeda 4 u dik għat-tiġdid għandu jkun fiha tal-anqas l-informazzjoni ta’ rappurtar stabbilita fit-Taqsima B tal-Iskeda 4.

(10) Fil-każ li d-data sottomessa skont is-subregolament t’hawn fuq tinbidel, il-produttur rilevanti jew fejn rilevanti, l-organizzazzjoni ta’ responsabbiltà tal-produttur awtorizzata f’ismu, għandu jinforma lill-awtorità kompetenti b’dan sa mhux aktar tard minn xahar wara l-bidla.

(11) L-informazzjoni msemmija fis-subregolament (9) għandha tingħata jew online jew bil-miktub u għandha tkun iffirmata minn xi wieħed mill-firmatarji awtorizzati msemmija fl-Iskeda 3.

(12) Għandha tkun ir-responsabbiltà ta' produttur reġistrat li jżomm għal minimu ta' ħames (5) snin l-informazzjoni msemmija fis-subregolament (9). Tali rekords għandhom ikunu disponibbli fuq talba tal-awtorità kompetenti.

(13) Fejn produttur jew fejn rilevanti, l-organizzazzjoni ta’ responsabbiltà tal-produttur awtorizzat f’ismu, jonqos jew jirrifjuta li jipprovdi applikazzjoni kompleta fi żmien (1) xahar mid-data ta’ talba mill-awtorità kompetenti għal applikazzjoni mimlija, l-awtorità kompetenti għandha tirrifjuta l-applikazzjoni.

**L.S. 549.39.**
(14) Mingħajr preġudizzju għall-kunfidenzjalità kummerċjali u industrijali, l-informazzjoni msemmija fis-subregolament (9) għandha tkun disponibbli skont ir-Regolamenti dwar il-Libertà tal-Aċċess għall-Informazzjoni dwar l-Ambjent.

(15) Produtturi jew partijiet terzi li jaġixxu f’isimhom jistgħu jipprovdu, fuq bażi volontarja, aktar data dwar irkaptu tas-sajd li fih il-plastik kif disponibbli, li tista’ tinkludi, inter alia, data dwar il-produzzjoni, l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet u subfrazzjonijiet speċifiċi ta’ tagħmir bħal dan.

**Awtorizzazzjoni biex titħaddem organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur.**
**L.S. 549.63.**
**8.** (1) Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti dwar l-Iskart, kwalunwe persuna li jkollha l-ħsieb li topera organizzazzjoni ta’ responsabbiltà tal-produtturi speċifikament biex twettaq l-obbligi imposti minn dawn ir-regolamenti, f’isem produtturi ta’ rkaptu tas-sajd li jkun fih il-plastik, għandha teħtieġ u tikseb awtorizzazzjoni valida mill-awtorità kompetenti.

(2) Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni taħt is-subregolament (1) għandha:

(a) issir bil-miktub;

(b) tkun fiha l-informazzjoni stipulata fit-Taqsima A tal-Iskeda 2;

(ċ) tkun iffirmata minn xi wieħed mill-firmatarji awtorizzati msemmija fl-Iskeda 3;

(d) tkun akkumpanjata minn dritt mhux rimborsabbli ta' ħames mitt euro (€500); u

(e) tkun akkumpanjata minn pjan ta' ħidma li jipprovdi l-informazzjoni msemmija fit-Taqsima B ta' Skeda 2 u għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kompetenti.

(3) L-awtorità kompetenti tista' tispeċifika l-format li fih il-pjan tax-xogħol imsemmi fis-subregolament (2) għandu jkun disponibbli.

(4) Awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtorità kompetenti għandha tkun soġġetta għal kundizzjonijiet inklużi fl-awtorizzazzjoni, inter alia, ir-rekwiżit li s-servizzi offruti minn organizzazzjoni ta’ responsabbiltà tal-produttur awtorizzata għandhom ikunu:

(a) miftuħa għall-parteċipazzjoni tal-produtturi kollha taħt kundizzjonijiet mhux diskriminatorji u tali parteċipazzjoni m'għandhiex tiġi rrifjutata jew revokata mingħajr ġustifikazzjoni raġonevoli; u

(b) imfassla sabiex tevita kwalunkwe ostaklu għall-kummerċ jew tgħawwiġ tal-kompetizzjoni skont ir-regolamenti rilevanti.

(5) Awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtorità kompetenti taħt dawn ir-regolamenti għandha tkun valida għal perjodu ta’ żmien kif stabbilit fl-awtorizzazzjoni nnifisha:

(a) Fejn awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtorità kompetenti tkun valida għal perjodu li jaqbeż is-sentejn (2), l-Awtorità tista’ titlob lill-organizzazzjoni tar-responsabbiltà tal-produttur biex tissottometti pjan ta’ ħidma aġġornat.

(6) Meta awtorizzazzjoni mogħtija taħt is-subregolament (4) tkun se tiskadi, organizzazzjoni awtorizzata tar-responsabbiltà tal-produttur li trid tkompli topera bħala organizzazzjoni awtorizzata tar-responsabbiltà tal-produttur għandha, mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni:

(a) tissottometti applikazzjoni lill-awtorità kompetenti biex iġġedded l-awtorizzazzjoni mogħtija taħt dawn ir-regolamenti;

(b) tipprovdi lill-awtorità kompetenti verżjoni riveduta tal-pjan ta’ ħidma għall-operat tal-organizzazzjoni ta’ responsabbiltà tal-produtturi li tikkonforma mal-Parti B tal-Iskeda 2, iffirmata minn xi wieħed mill-firmatarji awtorizzati msemmija fl-Iskeda 3.

(7) It-tiġdid tal-awtorizzazzjoni biex topera organizzazzjoni ta’ responsabbiltà tal-produttur għandu jiġi approvat fejn l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta dwar il-kontenut tal-verżjoni riveduta tal-pjan ta’ ħidma pprovdut kif meħtieġ mis-subregolament (6)(b).

(8) Organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur awtorizzata li taġixxi f'isem produtturi li jqiegħdu fis-suq irkaptu tas-sajd li jkun fih il-plastik għandha, fi żmien erba' (4) xhur mill-ħruġ tal-awtorizzazzjoni, tkun meħtieġa li tissottometti garanzija finanzjarja adegwata skont il-kriterji stabbiliti mill-Awtorità, li jkopri l-ispejjeż stabbiliti fis-subregolamenti (6) u (7) tar-regolament 4 fir-rigward tal-irkaptu tas-sajd li jkun fih plastik imqiegħed fis-suq mill-

produtturi tiegħu fi kwalunkwe sena partikolari, f'każ ta' nuqqas tal-organizzazzjoni tar-responsabbiltà tal-produttur li tissodisfa dawn l-obbligi:

Iżda kwalunkwe flus miġbuda mill-Awtorità mill-garanzija għandhom jintużaw biex jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-attivitajiet stabbiliti fis-subregolamenti (6), (7) u (8) tar-regolament 4 fir-rigward tal-irkaptu tas-sajd li jkun fih il-plastik imqiegħed fis-suq mill-produtturi li jipparteċipaw f'din l-organizzazzjoni tar-responsabbiltà tal-produttur.

**Informazzjoni u rappurtar.**

9. (1) Organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur awtorizzata għandha tissottometti rapport annwali lill-Awtorità fi żmien erba' (4) xhur kalendarji mill-għeluq tas-sena preċedenti.

Ir-rapporti annwali għandu jkun fihom mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) Lista ta' produtturi li pparteċipaw fl-organizzazzjoni tar-responsabbiltà tal-produtturi matul il-perjodu ta' rappurtar;

(b) Kwantitajiet ta' rkaptu tas-sajd li fih plastik imqiegħed fis-suq nazzjonali mill-produtturi li jipparteċipaw fl-organizzazzjoni tar-responsabbiltà tal-produttur, skont il-piż u n-numru ta' oġġetti matul il-perjodu speċifiku ta' rappurtar skont il-formati ta' rappurtar li għandhom jiġu stabbiliti mill-Awtorità;

(c) Dettalji dwar il-kampanji ta' informazzjoni u tqajjim ta' kuxjenza ffinanzjati mill-organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur skont is-subregolament (6) tar-regolament 4;

(d) Kwalunkwe informazzjoni oħra kif speċifikata mill-Awtorità.

**L.S. 549.39.**

(2) Mingħajr preġudizzju għall-kunfidenzjalità kummerċjali u industrijali, kopja diġitali tar-rapport annwali msemmi fis-subregolament (1) għandha tkun disponibbli skont ir-Regolamenti dwar il-Libertà tal-Aċċess għall-Informazzjoni dwar l-Ambjent.

(3) Organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur awtorizzata għandha tuża s-servizzi ta' awditur indipendenti, approvat mill-Awtorità. L-awditur għandu jkun meħtieġ jiċċertifika li l-informazzjoni kollha rrappurtata lill-Awtorità hija konformi mal-obbligi ta' dan ir-regolament u hija kif speċifikata fl-awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità. Barra minn hekk, organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur awtorizzata għandha tiżgura li tiġi stabbilita proċedura ta' verifika tajba għat-traċċabbiltà, il-monitoraġġ u l-kontroll biex tevalwa:

(a) il-ġestjoni finanzjarja tagħha, inkluża l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fis-subregolamenti (6), (7) u (8) tar-regolament 4; u

(b) il-kwalità tad-data miġbura u rrappurtata skont dawn ir-regolamenti.

(4) Organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur awtorizzata għandha tissottometti r-rapport ta' verifika mħejji skont is-subregolament (3) flimkien mar-rapport annwali msemmi fis-subregolament (1).

(5) Mingħajr preġudizzju għall-preservazzjoni tal-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti, organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur awtorizzata għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku informazzjoni li għandha x'taqsam ma':

(a) is-sjieda u s-sħubija tagħha; u

(b) il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa mill-membri tagħha, għal kull unità mibjugħa jew għal kull tunnellata ta' tagħmir tas-sajd li jkun fih plastik imqiegħed fis-suq f'Malta.

(6) Organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur awtorizzata għandha wkoll tissottometti rapport ta' nofs is-sena lill-Awtorità fi żmien tliet (3) xhur kalendarji wara t-tmiem ta' dak il-perjodu, liema rapport għandu jkun fih mill-inqas l-informazzjoni indikata fis-subregolament (1).

**Reati.**

10. Kull persuna tkun ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti jekk hija:

(a) tonqos milli tħares xi disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew tonqos milli tikkonforma mal-kondizzjonijiet tal-permess jew ma' xi ordni mogħtija legalment skont xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(b) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti; jew

(ċ) taġixxi bi ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti; jew

(d) tikkonfoffa, tgħin jew tħeġġeġ lil xi persuna oħra bi kwalunkwe mezz, inkluż reklamar, konsulenza jew akkwist biex twettaq xi ksur indikat fil-paragrafi (a) sa (ċ); jew

(e) tittanta li twettaq xi wieħed mir-reati indikati fil-paragrafi (a) sa (d).

**Penali.**

11. Kull persuna li tagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti għandha, meta tinsab ħatja, tkun responsabbli:

(a) għall-ewwel kundanna, multa ta' mhux aktar minn elfejn u erba' mitt euro (€2,400);

(b) għat-tieni kundanna jew kundanni sussegwenti, multa ta' mhux aktar minn erbat elef u tmien mitt euro (€4,800):

Iżda wkoll il-Qorti tista' tordna lil kull persuna li tkun instabet ħatja li wettqet reat kontra dawn ir-regolamenti biex tħallas għall-ispejjeż mġarrba mill-awtorità kompetenti bħala riżultat tal-imsemmi reat, ir-revoka tal-permess maħruġ minn l-awtorità kompetenti u l-konfiska tal-corpus delicti, jekk applikabbli.

**Applikabilità tal- Kodiċi Kriminali.**
**Kap. 9.**

12. Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 23 u 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom, mutatis mutandis, japplikaw għal proċedimenti dwar reati kontra dawn ir-regolamenti, sabiex madankollu l-iskwalifika milli jkollu jew jikseb liċenzja, permess jew awtorità ma tkun fl-ebda każ għal inqas minn sena (1).

SKEDA 1

(Regolament 4)

DIKJARAZZJONI TA' MANDAT BIL-MIKTUB

Isem tal-Produttur:
Indirizz:

b'dan jaħtar
Isem tal-persuna ġuridika jew fiżika stabbilita f'Malta:
Indirizz:

, bħala rappreżentant awtorizzat tal-produttur f'Malta skont regolament 4.

Isem tal-persuna ġuridika jew fiżika stabbilita f'Malta:
b'dan jirrappreżenta u jieħu r-responsabbiltajiet bħala l-awtorizzazzjoni rappreżentant f'Malta għal

Isem tal-Produttur:
, skont ir-Regolamenti dwar ir-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur (Tagħmir tas-Sajd li Fih il-Plastik).

Dan il-mandat, iffirmat miż-żewġ partijiet, jibda fid-data tal-firma sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, u jieqaf ladarba kull parti tinforma lill-awtorità kompetenti f'Malta li tmexxi r-reġistru nazzjonali li dan il-mandat ikun ġie tterminat.

Minn naħa waħda,
Isem tal-Produttur:
Firma:

Data:

Min-naħa l-oħra,
Isem tar-Rappreżentant Awtorizzat:
Firma:
Data:

SKEDA 2

(Regolament 8)

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI SOTTOMESSA MAL-APPLIKAZZJONI GĦAL AWTORIZZAZZJONI BIEX TĦADDEM ORGANIZZAZZJONI TAR-RESPONSABBILTÀ TAL-PRODUTTURI TAĦT DAWN IR-REGOLAMENTI

*Parti A: Informazzjoni li għandha tiġi inkluża f'applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur*

- L-isem tal-organizzazzjoni tar-responsabbiltà tal-produttur;

- L-isem tal-operatur u, fejn l-operatur huwa soċjetà, l-ismijiet tal-imsieħba kollha;

- L-indirizz u n-numru tat-telefon tal-uffiċju reġistrat tal-operatur jew, jekk mhux kumpanija, il-post ewlieni tan-negozju tal-operatur, u, jekk aktar minn wieħed, l-operaturi kollha; u

- Dikjarazzjoni ffirmata li tiddikjara l-informazzjoni pprovduta hija veritiera.

*Parti B: Informazzjoni li għandha tkun inkluża fil-pjan ta' ħidma biex titħaddem organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur*

- Kopja tal-Memorandum u l-Artikoli ta' Assoċjazzjoni;

- Kopja taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni maħruġ mir-Reġistru tal-Kumpaniji, fejn applikabbli;

- Pjan tan-negozju u finanzjarju fir-rigward tal-organizzazzjoni proposta;

- Miżuri ta' Kontroll tal-Kwalità u Assigurazzjoni tal-Kwalità li għandhom jiġu adottati mill-organizzazzjoni proposta;

- Miżuri amministrattivi li għandhom jiġu adottati biex jiġi żgurat kontroll effettiv tal-proċess;

- Kopja tar-regoli tas-sħubija tal-organizzazzjoni tar-responsabbiltà tal-produttur;

- Deskrizzjoni tal-modalitajiet li bihom se jintlaħqu l-għanijiet tar-regolament 4 flimkien ma' dettalji tal-istruttura tal-dritt tas-sħubija;

- Deskrizzjoni, inklużi l-ammonti pproġettati skont il-piż u l-għadd ta' oġġetti tal-irkaptu tas-sajd li fihom il-plastik imqiegħed fis-suq nazzjonali mill-produtturi li jipparteċipaw fl-organizzazzjoni;

- Proposti għal garanzija adegwata msemmija fir-regolament 7(8), maħsuba biex tkopri l-ispejjeż stabbiliti fis-subregolamenti (6) u (7) tar-regolament 4 f'każ li l-awtorizzazzjoni tiġi revokata jew f'każ ta' waqfien permanenti tal-operat jew insolvenza tagħha;

- Proposti għall-kalkolu ta' l-ispejjeż imsemmija fis-subregolamenti (6) u (7) tar-regolament 4, inkluż l-għoti tal-infrastruttura neċessarja għall-ġbir tal-iskart meħtieġa li tiġi installata fil-bini tal-produtturi jew f'żoni jew postijiet oħra indikati kif imsemmi fis-subregolament (8) tar-regolament 4;

- Proposti ta' kif l-informazzjoni taħt id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti se tkun ikkumpilata u magħmula disponibbli għall-Awtorità;

- Proposti biex tintlaħaq ir-rata annwali ta' ġbir tal-irkaptu tas-sajd tal-iskart li fih il-plastik;

- Kampanji ta' sensibilizzazzjoni pubblika maħsuba li għandhom jiġu ffinanzjati u, jew organizzati mill-organizzazzjoni proposta;

- Data pproġettata tal-bidu għall-attività; u

- Kull informazzjoni rilevanti oħra kif meħtieġa minn dawn ir-regolamenti jew kif mitluba mill-Awtorità.

# SKEDA 3

## LISTA TA' FIRMATARJI AWTORIZZATI

Għall-finijiet tal-ħruġ u l-iffirmar ta’ dokumentazzjoni uffiċjali inkluż il-korrispondenza, l-awtorità kompetenti għandha taċċetta biss dokumentazzjoni mingħand produttur jew organizzazzjoni ta’ responsabbiltà tal-produttur awtorizzata li tkun iffirmata minn:-

- Persuna fiżika, jekk il-produttur huwa persuna fiżika; jew

- Imsieħeb, fejn il-produttur jew organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur awtorizzata tkun sħubija; jew

- Direttur jew segretarju tal-kumpanija ta’ dik il-kumpanija, fejn il-produttur jew organizzazzjoni ta’ responsabbiltà tal-produttur awtorizzata tkun kumpanija reġistrata f’Malta; jew

- Persuna li għandha kontroll jew ġestjoni tal-korp, fejn il-produttur jew organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur awtorizzata tkun korp mhux inkorporat; jew

- Il-president jew kwalunkwe membru ieħor tal-kumitat ta' ġestjoni, fejn il-produttur jew organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur awtorizzata tkun kooperattiva.

SKEDA 4

(Regolament 7)

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TKUN F'APPLIKAZZJONI GĦAR-REĠISTRAZZJONI JEW TIĠDID

*Parti A: Informazzjoni li għandha tiġi sottomessa mar-reġistrazzjoni*:

- Isem u indirizz tal-produttur u fejn:

(i) il-produttur huwa kumpanija, l-uffiċċju reġistrat

(ii) il-produttur mhuwiex kumpanija, il-post prinċipali tan-negozju;

- Kodiċi ta' identifikazzjoni nazzjonali tal-produttur, inkluż in-numru tat-taxxa nazzjonali u n-numru tal-kumpanija (fejn applikabbli) tal-produttur;

- Il-Kodiċi NACE u d-daqs tal-impjieg tal-kumpanija, fejn applikabbli;

- Id-dettalji tal-persuna ta' kuntatt li lilha l-awtorità kompetenti għandha tindirizza kwalunkwe komunikazzjoni;

- Dettalji dwar in-natura kummerċjali tal-produttur (eż. manifattur, importatur jew bejjiegħ mill-bogħod);

- Tip ta' rkaptu tas-sajd li fih plastik imqiegħed fis-suq;

- Dikjarazzjoni ffirmata li tgħid li l-informazzjoni pprovduta hija veritiera;

- Id-data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni; u

- Isem l-Organizzazzjoni tar-Responsabbiltà tal-Produttur li l-produttur huwa membru tagħha u kopja tal-ftehim ma' tali Organizzazzjoni.

*Parti B: Informazzjoni li għandha tiġi sottomessa mat-tiġdid*

- Numru ta’ reġistrazzjoni tal-produttur u kwalunkwe kodiċi ta’ identifikazzjoni nazzjonali tal-produttur, inkluż in-numru tat-taxxa nazzjonali u n-numru tal-kumpanija (fejn applikabbli) tal-produttur;

- Il-Kodiċi NACE u d-daqs tal-impjieg tal-kumpanija, fejn applikabbli;

- Kwantitajiet ta' rkaptu tas-sajd li fih plastik imqiegħed fis-suq nazzjonali, skont il-piż u n-numru ta' oġġetti matul il-perjodu speċifiku ta' rappurtar skont il-formati ta' rappurtar li għandhom jiġu stabbiliti mill-awtorità kompetenti;

- Dikjarazzjoni ffirmata li tgħid li l-informazzjoni pprovduta hija veritiera;

- Id-data tal-applikazzjoni għat-tiġdid tar-reġistrazzjoni;

- Deskrizzjoni xierqa ta' kif id-data ġiet ikkumpilata, inkluża kwalunkwe spjegazzjoni ta' kwalunkwe stimi użati; u

- Isem l-Organizzazzjoni ta' Responsabbiltà tal-Produttur li l-produttur huwa membru tagħha u affermazzjoni tal-ftehim ma' tali Organizzazzjoni.

# SKEDA 5

(Regolament 6)

## SKEDA TA' PENALI AMMINISTRATTIVI GĦAN-NUQQAS TA' REĠISTRAZZJONI U NUQQS TA' TIĠDID

- Kull produttur li jonqos milli japplika għar-reġistrazzjoni skont is-subregolament (1) tar-regolament 6 għandu jeħel penali amministrattiva ta' elfejn u ħames mitt euro (€2500) għal kull tunnellata metrika ta' rkaptu tas-sajd li jkun fih plastik imqiegħed fis-suq mill-ewwel tqegħid fis-suq tal-irkaptu tas-sajd li jkun fih il-plastik sakemm japplika għar-reġistrazzjoni.

- Kull produttur li jonqos milli jġedded ir-reġistrazzjoni tiegħu sal-aħħar tas-sena skont is-subregolament (1) tar-regolament 6 jeħel penali amministrattiva ta' elfejn u ħames mitt euro (€2500) għal kull tunnellata metrika ta' rkaptu tas-sajd li jkun fih plastik imqiegħed fis-suq mill-bidu tas-sena li fiha kellu jġedded sakemm japplika għat-tiġdid:

Iżda fejn l-organizzazzjoni awtorizzata tar-responsabbiltà tal-produttur tkun qablet li tirreġistra jew iġġedded ir-reġistrazzjoni ta' produttur f'ismu, il-penali msemmija hawn fuq għandhom, fiż-żewġ każi, ikunu dovuti mill-organizzazzjoni awtorizzata tar-responsabbiltà tal-produttur li naqset milli tapplika jew iġġedded.

Iżda wkoll fiż-żewġ każijiet fejn jitqiegħed fis-suq inqas minn tunnellata metrika ta' rkaptu tas-sajd li jkun fih il-plastik, il-penali amministrattiva għandha tiġi kkalkulata pro-rata, b'penali minima ta' ħames mitt euro (€500).

SKEDA 6

(Regolament 5)

PENALI AMMINISTRATTIVA

L-Awtorità tista' timponi penali amministrattiva skont l-artikolu 81 tal-Att meta organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur awtorizzata li taġixxi f'isem produtturi li jqiegħdu fis-suq irkaptu tas-sajd li jkun fih il-plastik tonqos milli tilħaq il-mira ta' ġbir minimu applikabbli matul is-sena ta' qabel. Il-penali amministrattiva għandha tiġi kkalkulata skont it-tabella hawn taħt.

| **Mira ta' Ġbir Miksuba (%)** | **Penali Amministrattiva (€) għal kull tunnellata ta' tagħmir tas-sajd mhux miġbur mill-mira tal-ġbir** |
|---|---|
| Bejn 0% u <1% | 2500 |
| Bejn 1% u <2% | 2250 |
| Bejn 2% u <3% | 2000 |
| Bejn 3% u <4% | 1500 |
| Bejn 4% u <5% | 1000 |

Iżda l-Awtorità tista' tirrinunzja l-penali amministrattiva f'każ fejn il-parti notifikata bl-intenzjoni tal-Awtorità li toħroġ penali amministrattiva tipprovdi evidenza għas-sodisfazzjon tal-Awtorità li n-nuqqas ta' kisba tal-mira huwa dovut għal raġunijiet eċċezzjonali lil hinn mill-kontroll tagħha.